# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA ANNWALI

20 ta' Ġunju 2022

Il-laqgħa annwali tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022 fis-7.30pm. Il-laqgħa nżammet fid-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sinjur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Justine Palmier | (JP) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | (SSH) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 1.0 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 2.0 QARI TAL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA

2.1 Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-aħħar laqgħa straordinarja tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

2.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (AD, JAE, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 3.0 RAPPORT AMMINISTRATTIV

3.1 Is-Sindku VB qal li s-sena 2021 kienet sena ta' sfida minħabba l-pandemija fejn il-Kunsill kien limitat fl-operazzjonijiet tiegħu. L-akbar sfida kienet dik finanzjarja fejn hemm bżonn kontinwu li jirrikjedi għaqal biex il-Kunsill iwettaq il-ħidma tiegħu bl-aħjar u bl-eqqel mod possibbli.

3.2 Is-Sindku spjega kemm isir xogħol ta' manutenzjoni b'impenn u dedikazzjoni sabiex jingħata l-aħjar servizz lir-residenti u lil-lokalità. Tali manutenzjoni tinkludi iżda mhux biss, manutenzjoni tat-tabelli tat-traffiku, sinjali tat-traffiku, manutenzjoni tal-għamara u d-dawl tat-toroq u manutenzjoni tal-ġonna.

3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa l-inizjattiva biex japplika għal diversi skemi sabiex jiġu massimizzati l-fondi li jkunu jistgħu jintużaw favur il-lokalità u l-bżonnijiet tagħha. Issir ħidma u kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali kollha sabiex titkabbar il-ħidma favur il-lokalità.

3.4 Is-Sindku qal ukoll li dejjem hemm lok għal titjib u li hemm affarijiet li jistgħu isiru aħjar iżda l-Kunsill ser ikompli jaħdem sabiex itejjeb in-nuqqasijiet tiegħu u jiskuża ruħu f'isem il-kunsilliera u l-istaff amministrattiv għal xi nuqqasijiet li seta' kien hemm iżda li żgur ma kienux intenzjonati. Il-Kunsill iħares 'il quddiem sabiex ikompli jaħdem u jagħmel unur lil-lokalità li tant hi għal qalbu.

### 4.0 RAPPORT FINANZJARJU

4.1 Is-SE fetaħ il-materja billi spjega fuq fuq ir-rapport finanzjarju. Huwa ta informazzjoni ġenerali li tinkludi l-kunsillieri eletti u dawk li rriżenjaw f'dik il-leġislatura minħabba karigi oħra li kienu ħadu. Huwa qal li biex il-Kunsill ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont il-liġi huwa importanti li l-

kunsilliera jkunu responsabbli għall ħidmiet partikolari individwalment. Huwa kompla billi ta rendikont tad-dekasteri li kull kunsillier għandu fir-responsabbiltà tiegħu.

4.2 Is-SE kompla billi ta rendikont tad-dħul u l-infiq matul is-sena 2021 hekk kif elenkati fir-rapport finanzjarju.

## 5.0 PJAN TA' ĦIDMA

5.1 Is-SE kompla billi qal li l-ħidma baqgħet għaddejja anke matul il-pandemija bir-restrizzjonijiet relatati magħha.

5.2 Is-SE kompla billi qal li saret rinnovazzjoni fl-uffiċini tal-customer care u ser ikompli bl-uffiċini fuq ġewwa, dan biex in-nies ikollhom ambjent isbaħ fejn jinqdew. Huwa kompla billi qal li saret ukoll uniformi ġdida għall-membri tal-istaff tal-kunsill.

5.3 Is-SE qal li l-Kunsill ser ikompli joffri servizzi relatati mal-indafa bħalma huma it-tindif tat-toroq u tal-ġonna, il-ġabra tal-iskart u dik tal-iskart goff. Huwa ħa l-opportunità sabiex jappella għal aktar koperazzjoni mir-residenti dwar dan ir-rigward.

5.4 Is-SE semma wkoll il-proġett li qed isir sabiex isir Senior Citizen centre fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill permezz ta' fondi mogħtija min-Norwegian Grants. Huwa qal li ladarba jkun lest dan iċ-ċentru kien ser jilqa' fih anzjani matul il-ġurnata u jiġu offruti wkoll sessjonijiet ta' taħriġ fl-IT, u ser ikun hemm ukoll is-servizz ta' carers. Huwa kompla billi qal li ser jiġi installat ukoll lift biex jagħmel id-Dar tal-Kunsill iktar aċċessibbli.

5.5 Is-SE qal li kien sar restawr ta' postijiet u monumenti storiċi u li bħalissa kienet qed tiġi restawrata l-istatwa ta' San Publju li hemm fuq il-ġenb taz-zuntier tal-Knisja.

5.6 Fl-aħħar u mhux l-inqas, is-SE qal li l-Kunsill qiegħed fil-proċess li jixtri vettura elettrika li ser tintuża biex tagħti servizz ta' trasport lir-residenti tal-lokalità għall-bżonnijiet partikolari.

5.7 Is-SE għalaq billi qal li l-ħidma tal-Kunsill tkompli permezz ta' dawn il-proġetti kollha kif ukoll permezz tal-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill iħares 'il quddiem biex jerġa' jibda' jorganizza attivitajiet soċjali li kienu neqsin minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid. Għalaq billi rringrazzja lill-kunsilliera u lill-membri tal-istaff u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu xi kontribut għall-ġid tal-lokalità.

5.8 Huwa staqsa jekk hemmx xi ħadd li jixtieq iżid xi ħaġa oħra ma' dak li diġà qal iżda ma kien hemm xejn x'jiżdied.

5.9 Għalhekk is-SE temm billi fakkar lir-residenti li r-rapporti kollha preżentati matul din il-laqgħa huma kolla aċċessibbli mis-sit tal-Kunsill u fakkar fil-modi kollha li r-residenti jistgħu jużaw sabiex jagħmlu kuntatt mal-Kunsill.

## 6.0 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

6.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2022 fis-2pm.

**Konfermati, illum It-Tlieta 10 ta' Jannar 2023**

(iffirmati)

Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv